

Brussell, 2 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11261/1/26
REV 1

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0429(COD)

JAI 924
ENFOPOL 246
CRIMORG 143
IXIM 150
DATAPROTECT 223
CYBER 326
COPEN 253
FREMP 230
TELECOM 361
COMPET 894
MI 721
CONSOM 221
DIGIT 185
CODEC 1341
PARLNAT

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ġisieb tal-adozzjoni ta' **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL** dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra għall-iskop tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online
- Adottata mill-Kunsill fit-2 ta' Lulju 2026

REGOLAMENT (UE) 2026/...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta' ...

**dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet
tad-Direttiva 2002/58/KE fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn fornituri
tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri
għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra
għall-iskop tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 16(2), flimkien mal-Artikolu 114(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja²,

¹ ĠU C, C/2026/2546, 22.5.2026, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2026/2546/oj>.

² Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' ... (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tat-2 ta' Lulju 2026 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' ... (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ tistabbilixxi regoli li jiżguraw id-dritt għall-privatezza u l-kunfidenzjalità fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali fl-iskambji tad-data fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika. Dik id-Direttiva tittratta b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tikkumplementah⁴.

³ Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37, ELI:<http://data.europa.eu/eli/dir/2002/58/oj>).

⁴ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI:<http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj>).

- (2) Id-Direttiva 2002/58/KE tapplika għall-ipproċessar ta' data personali b'rabta mal-forniment tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi disponibbli pubblikament. Sal-21 ta' Diċembru 2020 kienet tapplika d-definizzjoni tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi stipulata fl-Artikolu 2, punt (c), tad-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵. F'dik id-data, id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ ħassret id-Direttiva 2002/21/KE. Id-definizzjoni ta' servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi fl-Artikolu 2, il-punt (4), tad-Direttiva (UE) 2018/1972 tinkludi s-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (7), ta' dik id-Direttiva. Għaldaqstant, is-servizzi ta' komunikazzjonijiet personali indipendenti min-numri, li jinkludu, pereżempju, il-vuċi fuq Protokoll tal-Internet, is-servizzi tal-messaġġi u dawk bil-webmail, għalhekk inġiebu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/58/KE fil-21 ta' Diċembru 2020.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 6(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), l-Unjoni tirrikonoxxi d-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta"). L-Artikolu 7 tal-Karta jipproteġi d-dritt fundamentali ta' kulħadd għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, tad-dar u tal-komunikazzjonijiet, li jinkludi l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet. L-Artikolu 8 tal-Karta fih id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali.

⁵ Id-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru) (ĠU L 108, 24.4.2002, p. 33, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2002/21/oj>).

⁶ Id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (ĠU L 321, 17.12.2018, p. 36, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2018/1972/oj>).

- (4) L-Artikolu 3(1) tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1989 dwar id-Drittijiet tat-Tfal ("UNCRC") u l-Artikolu 24(2) tal-Karta jipprevedu li, fl-azzjonijiet kollha relatati mat-tfal, kemm jekk jittieħdu minn awtoritajiet pubbliċi jew minn istituzzjonijiet privati, l-aħjar interessi tat-tfal iridu jkunu kunsiderazzjoni primarja. L-Artikolu 3(2) UNCRC u l-Artikolu 24(1) tal-Karta jevokaw ukoll id-dritt tat-tfal għal tali protezzjoni u l-kura kif inhu meħtieġ għall-benesseri tagħhom.
- (5) Il-protezzjoni tat-tfal, kemm offline u kif ukoll online, hija waħda mill-prioritajiet tal-Unjoni. L-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal jikkostitwixxu ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u tad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari tad-drittijiet tat-tfal li jiġu protetti minn kull forma ta' vjolenza, abbuż, negliġenza, maltrattament jew sfruttament, inkluż l-abbuż sesswali, kif previst mill-UNCRC u mill-Karta. Id-diġitalizzazzjoni gābet magħha ħafna benefiċċji għas-soċjetà u għall-ekonomija, iżda gābet magħha wkoll sfidi, li jinkludu żieda fl-abbuż sesswali tat-tfal online. Fl-24 ta' Lulju 2020, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni bit-titlu "Strateġija tal-UE għal għieda aktar effettiva kontra l-abbuż sesswali tat-tfal" ("l-Istrateġija"). L-Istrateġija għandha l-għan li tipprovdi rispons effettiv, fil-livell tal-Unjoni, għar-reat tal-abbuż sesswali tat-tfal.

- (6) F'konformità mad-Direttiva 2011/93/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷, dan ir-Regolament ma jirregolax il-politiki tal-Istati Membri rigward attivitajiet sesswali konsenswali li fihom jistgħu jkunu involuti t-tfal u li jistgħu jitqiesu bħala l-iskoperta normali tas-sesswalità fil-kors tal-iżvilupp uman, filwaqt li jittieħed kont tat-tradizzjonijiet kulturali u legali differenti u ta' forom ġodda ta' kif jiġu stabbiliti u mantnuti relazzjonijiet fost it-tfal u l-adolessenti, inkluż permezz tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni.

⁷ Id-Direttiva 2011/93/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/ĠAI (ĠU L 335, 17.12.2011, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2011/93/oj>).

- (7) Xi fornituri ta' ċerti servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri ("fornituri"), b'has-servizzi tal-messaġġi u bil-webmail, jużaw teknoloġiji speċifiċi fuq bażi volontarja, biex jidentifikaw l-abbuż sesswali tat-tfal online fuq is-servizzi tagħhom u jirrapportawh lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u lill-organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal" billi jiskennjaw jew il-kontenut, b'hall-immaġnijiet u t-test, jew id-data dwar it-traffiku tal-komunikazzjonijiet bl-użu, f'xi każijiet, ta' data storika. It-teknoloġija użata għal dawk l-attivitajiet tista' tkun teknoloġija tal-"hashing" għall-immaġnijiet u vidjows u klassifikaturi u intelliġenza artifiċjali għall-analiżi tat-test jew tad-data dwar it-traffiku. Meta tintuża teknoloġija tal-"hashing", il-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online huwa rrapportat meta jirriżulta hit pożittiv, li jfisser tqabbil li jirriżulta minn paragun bejn immaġni jew vidjow u firma diġitali mhux rikonvertibbli u unika ("hash") minn bażi tad-data mannuta minn organizzazzjoni li taġixxi fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal li jkun fiha materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online vverifikat. Dawk il-fornituri jirreferu għall-hotlines nazzjonali għar-rapportar ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online u għal organizzazzjonijiet, li jinsabu kemm fl-Unjoni u kif ukoll f'pajjiżi terzi, li l-iskop tagħhom huwa li jidentifikaw lit-tfal, inaqqsu l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-abbuż sesswali, u li jipprevjenu l-vittimizzazzjoni tat-tfal. Organizzazzjonijiet b'hal dawn jista' jkun li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/679. Kollettivament, attivitajiet volontarji b'hal dawn għandhom rwol importanti fl-iffaċilitar tal-identifikazzjoni u s-salvataġġ tal-vittmi, li d-drittijiet fundamentali tagħhom għad-dinjità tal-bniedem u għall-integrità fiżika u mentali jkunu nkisru serjament. Attivitajiet volontarji b'hal dawn huma importanti wkoll biex inaqqsu t-tixrid ulterjuri ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online u biex jikkontribwixxu wkoll għall-identifikazzjoni u l-investigazzjoni tad-delinkwenti u għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati ta' abbuż sesswali tat-tfal.

- (8) Minkejja l-oġġettiv leġittimu tagħhom, attivitajiet volontarji mill-fornituri biex jiġi individwat l-abbuż sesswali tat-tfal online fuq is-servizzi tagħhom u r-rapportar jikkostitwixxu interferenza fid-drittijiet fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja u l-protezzjoni tad-data personali tal-utenti kollha ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri ("utenti"). Kwalunkwe limitazzjoni għall-eżerċizzju tad-dritt fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, inkluża l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet, ma tistax tiġi ġġustifikata sempliċement minħabba li l-fornituri kienu qed jużaw ċerti teknoloġiji fi żmien fejn servizzi ta' komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri ma kinux jaqgħu fi ħdan id-definizzjoni ta' "servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi". Tali limitazzjonijiet huma possibbli biss taħt ċerti kundizzjonijiet. Skont l-Artikolu 52(1) tal-Karta, tali limitazzjonijiet huma previsti mil-liġi, u għandhom jirrispettaw l-essenza tad-drittijiet għall-ħajja privata u tal-familja u għall-protezzjoni tad-data personali u, soġġetti għall-prinċipju tal-proporzjonalità, għandhom ikunu meħtieġa u għandhom jilħqu ġenwinament l-oġġettivi ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet tal-oħrajn. Fejn tali limitazzjonijiet jinvolvu b'mod permanenti l-monitoraġġ u l-analiżi ġenerali u indiskriminati tal-komunikazzjonijiet tal-utenti kollha, dawn jinterferixxu mad-dritt għall-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet.
- (9) Sal-20 ta' Diċembru 2020, l-ipproċessar ta' data personali mill-fornituri permezz ta' miżuri volontarji għall-iskop tal-identifikazzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal online fuq is-servizzi tagħhom u r-rapportar u t-tneħħija ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online mis-servizzi tagħhom kien irregolat unikament mir-Regolament (UE) 2016/679. Id-Direttiva (UE) 2018/1972, li kellha tiġi trasposta sal-20 ta' Diċembru 2020, daħħlet lill-fornituri fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/58/KE.

- (10) Ir-Regolament (UE) 2021/1232 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸ ippreveda reġim temporanju fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri disponibbli pubblikament għall-fini tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online, sakemm jiġi adottat qafas legali fit-tul li jindirizza l-prevenzjoni ta' u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online (il-"qafas legali fit-tul"). Ir-Regolament (UE) 2021/1232 ġie emendat bir-Regolament (UE) 2024/1307 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹, li jestendi l-perjodu ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament sat-3 ta' April 2026.
- (11) Il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi regoli għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, li l-Kummissjoni adottat fil-11 ta' Mejju 2022, għandha l-għan li tipprovdi l-qafas legali fit-tul. In-negozjati interistituzzjonali dwar dik il-proposta għadhom għaddejjin.

⁸ Ir-Regolament (UE) 2021/1232 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Lulju 2021 dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra għall-iskop tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online (ĠU L 274, 30.7.2021, p. 41, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1232/oj>).

⁹ Ir-Regolament (UE) 2024/1307 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1232 dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra għall-fini tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online (ĠU L, 2024/1307, 14.5.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1307/oj>).

- (12) Fid-19 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni pproponiet li testendi l-perjodu ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/1232, b'sentejn sat-3 ta' April 2028. Peress li l-koleġiżlaturi ma setgħux jilħqu ftehim dwar dik il-proposta sat-3 ta' April 2026, ir-Regolament (UE) 2021/1232 skada.
- (13) Minħabba l-importanza tal-ġlieda effettiva kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online u sakemm jiġi adottat u applikat il-qafas legali fit-tul, huwa meħtieġ li tiġi permessa deroga temporanja mill-Artikolu 5(1) u l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2002/58/KE f'konformità mal-kundizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament. Minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari, jenħtieġ li l-perjodu ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ikun limitat għaż-żmien meħtieġ biex il-qafas legali fit-tul jista' jiġi adottat u jiġi applikat.

- (14) Id-Direttiva 2002/58/KE ma fiha l-ebda dispożizzjoni speċifika dwar l-ipproċessar tad-data personali mill-fornituri b'rabta mal-forniment tas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika għall-iskop tal-identifikazzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal online fuq is-servizzi tagħhom u r-rapportar u t-tneħħija ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online mis-servizzi tagħhom. Madankollu, skont l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58/KE, l-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri leġiżlattivi biex jirrestrinġu l-kamp ta' applikazzjoni tad-drittijiet u l-obbligi previsti, fost l-oħrajn, fl-Artikoli 5 u 6 ta' dik id-Direttiva, li jikkonċernaw il-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet u d-data dwar it-traffiku, għall-iskopijiet tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tar-reati kriminali marbuta mal-abbuż sesswali tat-tfal. Fin-nuqqas ta' tali miżuri leġiżlattivi nazzjonali, u sakemm jiġi adottat qafas legali għdid aktar fit-tul biex jiġi indirizzat l-abbuż sesswali tat-tfal fil-livell tal-Unjoni, il-fornituri ma jistgħux jibqgħu jiddependu mir-Regolament (UE) 2016/679 biex ikomplu jużaw miżuri volontarji biex jidentifikaw l-abbuż sesswali tat-tfal online fuq servizzi oħrajn u jirrapportawh u jneħħu l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online mis-servizzi tagħhom lil hinn mill-21 ta' Diċembru 2020. Filwaqt li dan ir-Regolament ma jipprevedix bażi ġuridika għall-ipproċessar tad-data personali minn fornituri għall-iskop uniku tal-identifikazzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal online fuq is-servizzi tagħhom u r-rapportar tiegħu u t-tneħħija tal-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online mis-servizzi tagħhom, jipprevedi deroga minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE. Dan ir-Regolament jistabbilixxi salvagwardji addizzjonali li jridu jiġu rrispettati mill-fornituri jekk jixtiequ jiddependu minnu.

- (15) L-ipproċessar tad-data għall-finijiet ta' dan ir-Regolament jista' jinvolvi l-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' data personali kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2016/679. L-ipproċessar ta' immāġnijiet u vidjows permezz ta' mezzi tekniċi speċifiċi li jippermettu l-identifikazzjoni jew l-awtentikazzjoni unika ta' persuna fiżika jitqies li hu pproċessar ta' kategoriji speċjali ta' data personali.
- (16) Għaldaqstant, dan ir-Regolament jipprevedi deroga temporanja mill-Artikolu 5(1) u l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2002/58/KE, li jipproteġu l-konfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet u tad-data dwar it-traffiku. L-użu volontarju mill-fornituri għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra sal-punt meħtieġ għall-identifikazzjoni ta' abbuż sesswali tat-tfal online fuq is-servizzi tagħhom u r-rapportar tiegħu u t-tneħħija ta' materjal tal-abbuż sesswali tat-tfal online mis-servizzi tagħhom jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga prevista minn dan ir-Regolament sakemm tali użu jikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, u għalhekk huwa soġġett għas-salvagwardji u l-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/679.
- (17) Id-Direttiva 2002/58/KE ġiet adottata fuq il-bażi tal-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Barra minn hekk, mhux l-Istati Membri kollha adottaw miżuri leġiżlattivi f'konformità mad-Direttiva 2002/58/KE biex jirrestrinġu l-kamp ta' applikazzjoni tad-drittijiet u l-obbligi relatati mal-konfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet u d-data tat-traffiku kif stabbilit f'dik id-Direttiva, u l-adozzjoni ta' tali miżuri tinvolvi riskju sinifikanti ta' frammentazzjoni li x'aktarx taffettwa s-suq intern b'mod negattiv. Konsegwentement dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun ibbażat fuq l-Artikolu 114 TFUE.

- (18) Billi d-data relatata mal-komunikazzjonijiet elettroniċi li jinvolve lill-persuni fiżiċi tikkwalifika normalment bħala data personali, jenħtieġ li dan ir-Regolament ikun ibbażat ukoll fuq l-Artikolu 16 TFUE, li jipprovdi bażi legali speċifika għall-adozzjoni ta' regoli relatati mal-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni u mill-Istati Membri meta jkunu qed iwettqu attivitajiet li jaqgħu fl-ambitu tal-liġi tal-Unjoni, u regoli relatati mal-moviment liberu ta' din id-data.
- (19) Ir-Regolament (UE) 2016/679 japplika għall-ipproċessar ta' data personali b'rabta mal-forniment tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi minn fornituri għall-iskop uniku tal-identifikazzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal online fuq is-servizzi tagħhom u r-rapportar tiegħu u t-tneħħija tal-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online mis-servizzi tagħhom sal-estent li dak l-ipproċessar jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga prevista minn dan ir-Regolament.
- (20) It-tipi ta' teknoloġiji użati għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu l-inqas intrużivi possibbli għall-privatezza f'konformità mal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku. Jenħtieġ li daww it-teknoloġiji ma jintużawx għall-iffiltrar u l-iskennjar sistematiki ta' test f'komunikazzjonijiet għajr biss biex jiġu identifikati xejriet li jindikaw elementi konkreti possibbli ta' suspett ta' abbuż sesswali tat-tfal online, u jeħtieġ li ma ikunux jistgħu jiddeduċu s-sustanza tal-kontenut tal-komunikazzjonijiet. Fil-każ ta' teknoloġija użata għall-identifikazzjoni ta' solleċitazzjoni tat-tfal, tali raġunijiet konkreti ta' suspett jenħtieġ li jkunu bbażati fuq fatturi ta' riskju identifikati b'mod oġġettiv bħad-differenza fl-età u l-involviment probabbli ta' xi tifel jew tifla fil-komunikazzjoni skennjata.

- (21) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti proċeduri u mekkaniżmi ta' rimedju xierqa biex jiġi żgurat li l-individwi jkunu jistgħu jressqu lmenti ma' fornituri. Tali proċeduri u mekkaniżmi huma, b'mod partikolari, rilevanti fejn il-kontenut li ma jikkostitwixxix abbuż sesswali tat-tfal online jkun tneħħa jew ġie rrapportat lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jew lil xi organizzazzjoni li taġixxi fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal.
- (22) Sabiex jiġi żgurat li l-akkuratezza u l-affidabbiltà kemm jista' jkun, it-teknoloġija użata għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, f'konformità mal-oġġla livell ta' żvilupp tekniku fl-industrija, jenħtieġ li tkun tali li tillimita n-numri u l-proporzjon tal-iżbalji ("pożittivi foloz") sal-limitu massimu possibbli u, fejn meħtieġ, li tirrettifika mingħajr dewmien kwalunkwe żball bħal dawn li jistgħu jseħħu xorta waħda.
- (23) Id-data dwar il-kontenut u d-data dwar it-traffiku pproċessata, u d-data personali ġġenerata fit-tweġġ tal-attivitajiet koperti minn dan ir-Regolament, u l-perjodu li matulu d-data tiġi sussegwentement maħżuna f'każ tal-identifikazzjoni ta' abbuż sesswali suspettat tat-tfal online, jenħtieġ li jibqgħu limitati għal dak li huwa strettament meħtieġ biex jitwettqu dawk l-attivitajiet. Kwalunkwe data jenħtieġ li titħassar minnufih u b'mod permanenti hekk kif ma tibqx strettament meħtieġa għal wieħed mill-iskopijiet speċifikati f'dan ir-Regolament, inkluż fejn ma jiġi identifikat l-ebda abbuż sesswali tat-tfal suspettat online, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 12-il xahar mid-data tal-identifikazzjoni ta' abbuż sesswali suspettat tat-tfal online. Din jenħtieġ li ssir mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li tinħażen id-data dwar il-kontenut u d-data dwar it-traffiku rilevanti f'konformità mad-Direttiva 2002/58/KE. Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jaffettwa l-applikazzjoni tal-ebda obbligu legali skont il-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali li tiġi ppreservata d-data li tapplika għall-fornitur.

- (24) Dan ir-Regolament ma jżommx lill-fornitur li jkun rrapportaabbuż sesswali tat-tfal online lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi milli jitolbu lil dawk l-awtoritajiet jirrikonoxxu riċevuta tar-rapport.
- (25) Sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u r-responsabbiltà fir-rigward tal-attivitajiet imwettqa skont id-deroga previsti minn dan ir-Regolament, il-fornituri jenħtiegħ li, sa sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu, u minn hemm 'il quddiem sal-31 ta' Jannar ta' kull sena, jippubblikaw u jissottomettu rapporti lill-awtorità superviżorja kompetenti deżinjata skont ir-Regolament (UE) 2016/679 ("awtorità superviżorja") u lill-Kummissjoni. Tali rapporti jenħtiegħ li jkopru, l-ipproċessar li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż it-tip u l-volumi tad-data pproċessata, il-motiv speċifiku li jiġi invokat għall-ipproċessar tad-data personali skont ir-Regolament (UE) 2016/679, il-motiv li jiġi invokat għat-trasferimenti tad-data personali barra mill-Unjoni skont il-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2016/679, fejn ikun applikabbli, l-għadd ta' każijiet identifikati ta' abbuż sesswali tat-tfal online, filwaqt li ssir distinzjoni bejn il-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online u s-solleċitazzjoni tat-tfal, l-għadd ta' każijiet li fihom utent ikun ressaq ilment mal-mekkaniżmu ta' rimedju intern jew fittex rimedju ġudizzjarju u l-eżitu ta' tali ilmenti u proċedimenti ġudizzjarji, in-numri u l-proporzjonijiet tal-iżbalji (pożittivi foloz) tat-teknoloġiji differenti użati, il-miżuri applikati biex jiġu limitati r-rata ta' żball u r-rata ta' żball miksuba, il-politika taż-żamma u s-salvagwardji tal-protezzjoni tad-data applikati skont ir-Regolament (UE) 2016/679, u l-ismijiet tal-organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal li magħhom tkun ġiet kondiviża d-data skont dan ir-Regolament.

- (26) Huwa meħtieġ li jiġi żgurat rapportar lill-Kummissjoni kemm mill-Istati Membri kif ukoll mill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali indipendenti min-numri. Huwa importanti wkoll li jiġi enfasizzat li jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fi żmien opportun.
- (27) Sabiex jiġi ffaċilitat ir-rappurtar mill-fornituri ta' servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri, b'mod partikolari biex jiġi żgurat li r-rapporti tagħhom ikunu jistgħu jinqraw mill-magni u jkunu faċilment aċċessibbli, jenħtieġ li jiġi stabbilit format ta' rappurtar komuni għal dawk ir-rapporti.
- (28) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 3(1), il-punt (g)(vii), ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰.

¹⁰ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj>).

- (29) Sabiex tappoġġa lill-awtoritajiet superviżorji bil-kompiti tagħhom, il-Kummissjoni jenħtieġ li titlob lill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data joħroġ linji gwida dwar il-konformità tal-ipproċessar li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga stabbilita f'dan ir-Regolament mar-Regolament (UE) 2016/679. Meta l-awtoritajiet superviżorji jivvalutaw jekk teknoloġija stabbilita jew ġdida li trid tintuża hijiex f'konformità mal-aktar teknoloġija avvanzata fl-industrija, l-inqas waħda li hi intrużiva fil-privatezza u li topera fuq bażi legali adegwata skont ir-Regolament (UE) 2016/679. Dawk il-linji gwida jenħtieġ li, b'mod partikolari, jassistu lill-awtoritajiet superviżorji fl-għoti ta' pariri fil-qafas tal-proċedura ta' konsultazzjoni minn qabel stabbilita f'dak ir-Regolament.
- (30) Dan ir-Regolament jirrestrinġi d-dritt għall-protezzjoni tal-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet u jidderoga mid-deċiżjoni meħuda fid-Direttiva (UE) 2018/1972 biex is-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri jiġu soġġetti għall-istess regoli li japplikaw għas-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi l-oħrajn kollha fir-rigward tal-privatezza, għall-iskop uniku li jiġi identifikat l-abbuż sesswali tat-tfal online fuq dawk is-servizzi u r-rapportar tiegħu lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jew lill-organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal u jitneħħa l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online minn dawk is-servizzi.
- (31) Fir-rigward tal-attivitajiet l-oħra kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/58/KE, il-fornituri jenħtieġ li jkunu soġġetti għall-obbligi speċifiċi stabbiliti f'dik id-Direttiva, u konsegwentement għas-setgħat ta' monitoraġġ u dawk investigattivi tal-awtoritajiet kompetenti maħtura skont dik id-Direttiva.

- (32) Il-kriptaġġ minn tarf sa tarf huwa għodda importanti biex tiġi ggarantita s-sigurtà u l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet tal-utenti, inklużi dawk tat-tfal. Kwalunkwe dgħajfien tal-kriptaġġ tista' potenzjalment tiġi abbużata minn partijiet terzi malizzjużi. Għalhekk, jenħtieġ li l-ebda ħaġa f'dan ir-Regolament ma tiġi interpretata bħala li tipprojbixxi jew iddgħajjef il-kriptaġġ minn tarf sa tarf.
- (33) Id-dritt għar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, inkluża l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet, huwa dritt fundamentali ggarantit mill-Artikolu 7 tal-Karta. Għalhekk huwa wkoll prerekwiżit għal komunikazzjonijiet siguri bejn il-vittmi ta' abbuż sesswali tat-tfal u adult fdat jew organizzazzjonijiet attivi fil-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal kif u għal komunikazzjonijiet bejn il-vittmi u l-avukati tagħhom.
- (34) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar is-segretezza professjonali skont il-liġi nazzjonali, bħar-regoli dwar il-protezzjoni tal-komunikazzjonijiet professjonali, bejn it-tobba u l-pazjenti tagħhom, bejn il-ġurnalisti u s-sorsi tagħhom, jew bejn l-avukati u l-klijenti tagħhom, b'mod partikolari peress li l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjoni bejn l-avukati u l-klijenti tagħhom hija essenzjali biex jiġi żgurat l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet tad-difiża bħala parti essenzjali mid-dritt għal proċess ġust. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun ukoll mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali dwar ir-reġistri tal-awtoritajiet pubbliċi jew l-organizzazzjonijiet li joffru konsulenza lill-individwi li jinsabu f'diffikultà.

- (35) Il-fornituri jenħtieġ li jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-ismijiet tal-organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal li jirrapportawhom abbuż sesswali potenzjali tat-tfal online skont dan ir-Regolament. Filwaqt li hija r-responsabbiltà unika tal-fornituri li jaġixxu bħala kontrolluri li jivvalutaw ma' liema parti terza jistgħu jikkondividu d-data personali skont ir-Regolament (UE) 2016/679, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura t-trasparenza rigward it-trasferiment ta' każijiet potenzjali ta' abbuż sesswali tat-tfal online billi tippubblika fuq is-sit web tagħha lista tal-organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal ikkomunikata lilha. Dik il-lista pubblika jenħtieġ li tkun faċilment aċċessibbli. Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li l-fornituri jużaw dik il-lista biex jidentifikaw organizzazzjonijiet rilevanti fil-ġlieda globali kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online. Dik il-lista jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-fornituri li jaġixxu bħala kontrolluri skont ir-Regolament (UE) 2016/679, inkluż fir-rigward tal-obbligu tagħhom li jwettqu kwalunkwe trasferiment ta' data personali barra mill-Unjoni, skont il-Kapitolu V tiegħu u l-obbligu tagħhom li jissodisfaw l-obbligi kollha, skont il-Kapitolu IV tiegħu.
- (36) L-istatistika li trid tiġi provduta mill-Istati Membri skont dan ir-Regolament tikkostitwixxi indikaturi importanti għall-evalwazzjoni tal-politika, inkluż tal-miżuri leġiżlattivi. Barra minn hekk, huwa importanti li jiġi rikonoxxut l-impatt tal-vittimizzazzjoni sekondarja li hija inerenti fil-kondiviżjoni ta' immaġni u vidjows tal-vittmi ta' abbuż sesswali tat-tfal li jista' jkun li ilhom jiċċirkolaw għal snin sħaħ u li mhuwiex rifless bis-sħiħ f'tali statistika.

- (37) F'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/679, b'mod partikolari r-rekwiżit li l-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet superviżorji jiġu pprovduti r-riżorsi umani, tekniċi u finanzjarji meħtieġa biex iwettqu l-kompiti tagħhom b'mod effettiv u jeżerċitaw is-setgħat tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-awtoritajiet superviżorji jkollhom tali riżorsi suffiċjenti għat-twettiq effettiv tal-kompiti tagħhom u l-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom skont dan ir-Regolament.
- (38) Meta fornitur ikun wettaq valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data u jkun ikkonsulta lill-awtoritajiet superviżorji fir-rigward ta' teknoloġija f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, dak il-fornitur jenħtieġ li ma jkunx obligat skont dan ir-Regolament li jwettaq valutazzjoni addizzjonali tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data jew konsultazzjoni dment li l-awtoritajiet superviżorji jkunu indikaw li l-ipproċessar tad-data minn dik it-teknoloġija ma jirriżultax f'riskju għoli għad-drittijiet u l-libertajiet ta' persuni fiżiċi jew li jkunu tteħdu miżuri mill-kontrollur biex tali riskju jittaffa.
- (39) L-utenti jenħtieġ li jkollhom id-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv meta d-drittijiet tagħhom ikunu nkisru b'riżultat tal-ipproċessar ta' data personali u data oħra għall-finijiet ta' identifikazzjoni ta' abbuż sesswali tat-tfal online fuq servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri u r-rapportar tiegħu u t-tneħħija ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online minn dawk is-servizzi, pereżempju fejn il-kontenut jew l-identità ta' utent jkunu ġew irrapportati lil xi organizzazzjoni li taġixxi fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal jew lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jew fejn il-kontenut ta' utent ikun tneħħa jew il-kont ta' utent ikun ġie mblukkat jew ikun ġie sospiż servizz offrut lilu.

- (40) F'konformità mad-Direttiva 2002/58/KE u l-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-data, l-ipproċessar tad-data personali u data oħra jenħtiegħ li jkun limitat għal data dwar il-kontenut u data relatata dwar it-traffiku, sa fejn ikun strettament meħtiegħ biex jintlaħaq l-għan ta' dan ir-Regolament.
- (41) Id-deroga prevista minn dan ir-Regolament jenħtiegħ li testendi għall-kategoriji ta' data msemmija fl-Artikolu 5(1) u l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2002/58/KE, li huma applikabbli għall-ipproċessar ta' data kemm personali kif ukoll mhux personali pproċessata fil-kuntest tal-forniment ta' servizz tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri.
- (42) L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li tinħoloq deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE mingħajr ma tinħoloq frammentazzjoni fis-suq intern. Barra minn hekk, il-miżuri leġiżlattivi nazzjonali probabbilment ma jkunux jistgħu jiġu adottati fil-ħin mill-Istati Membri kollha. Minħabba li l-għan ta' dan ir-Regolament ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista' pjuttost, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 TUE. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtiegħ biex jinkiseb dak l-għan. Huwa jintroduċi deroga temporanja u strettament limitata mill-applikabbiltà tal-Artikolu 5(1) u l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2002/58/KE, b'serje ta' salvagwardji biex jiġi żgurat li ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtiegħ għall-kisba tal-għan stabbilit.

- (43) Meta titqies il-ħtieġa li tiġi żgurata, fil-ħin, iċ-ċertezza legali minħabba l-iskadenza tar-Regolament (UE) 2021/1232, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ mill-aktar fis possibbli.
- (44) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat skont l-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹ u ta l-opinjoni tiegħu fis-16 ta' Frar 2026,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

¹¹ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj>).

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli temporanji u strettament limitati li jidderogaw mill-applikazzjoni ta' ċerti obbligi stabbiliti fid-Direttiva 2002/58/KE, bl-objettiv uniku li jippermetti lill-fornituri ta' ċerti servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri ("fornituri") jużaw, mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2016/679, it-teknoloġiji speċifiċi għall-ipproċessar tad-data personali u data oħra sal-punt strettament meħtieġ biex jidentifikaw l-abbuż sesswali tat-tfal online fuq is-servizzi tagħhom u jirrappurtawh u jneħħu l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online mis-servizzi tagħhom.
2. Dan ir-Regolament ma japplikax għall-iskennjar ta' komunikazzjonijiet bl-awdjo.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "servizz tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri" jfisser servizz tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (7), tad-Direttiva (UE) 2018/1972;
- (2) "materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online" tfisser:
 - (a) pedopornografija kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (c), tad-Direttiva 2011/93/UE;

- (b) prestazzjoni pornografika kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (e), tad-Direttiva 2011/93/UE;
- (3) "solleċitazzjoni tat-tfal" tfisser kwalunkwe mgħiba intenzjonali li tikkostitwixxi reat skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2011/93/UE;
- (4) "abbuż sesswali tat-tfal online" tfisser "materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online" u solleċitazzjoni tat-tfal.

Artikolu 3

Kamp ta' applikazzjoni tad-deroga

1. L-Artikolu 5(1) u l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2002/58/KE m'għandhomx japplikaw għall-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet li jinvolvu l-ipproċessar minn fornituri ta' data personali u data oħra b'rabta mal-forniment tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri sakemm:
 - (a) l-ipproċessar ikun:
 - (i) strettament meħtiegħ għall-użu ta' teknoloġija speċifika għall-iskop uniku li jiġi identifikat u jitneħħa l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online u li dan jiġi rrapportat lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u lill-organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal u li tiġi identifikata s-solleċitazzjoni tat-tfal u din tiġi rrapportata lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jew lill-organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal;

- (ii) proporzjonat u limitat għal teknoloġiji li jintużaw mill-fornituri għall-iskopijiet stabbiliti fil-punt (i);
- (iii) limitat għal data dwar il-kontenut u data relatata dwar it-traffiku li hija strettament meħtieġa għall-iskopijiet stabbiliti fil-punt (i);
- (iv) limitat għal dak li hu strettament meħtieġ għall-iskopijiet stabbiliti fil-punt (i);
- (b) it-teknoloġiji użati għall-iskopijiet stabbiliti fil-punt (a)(i) ta' dan il-paragrafu huma f'konformità mal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku fl-industrija u huma l-inqas intrużivi possibbli għall-privatezza, inkluż fir-rigward tal-prinċipju tal-protezzjoni tad-data bid-disinn u b'mod awtomatiku kif stabbilit fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2016/679 u, sal-punt li jintużaw biex jiskennjaw komunikazzjonijiet li fihom test, ma jkunux kapaċi jiddeduċu s-sustanza tal-kontenut tal-komunikazzjonijiet iżda jistgħu jidentifikaw biss xejriet li jindikaw il-possibbiltà ta' abbuż sesswali tat-tfal online;
- (c) fir-rigward ta' kwalunkwe teknoloġija speċifika użata għall-iskopijiet stabbiliti fil-punt (a)(i) ta' dan il-paragrafu, ikunu twettqu valutazzjoni minn qabel tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data kif imsemmi fl-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2016/679 u proċedura ta' konsultazzjoni minn qabel kif imsemmi fl-Artikolu 36 ta' dak ir-Regolament;

- (d) fir-rigward ta' teknoloġija ġdida, jiġifieri teknoloġija użata għall-iskopijiet tal-identifikazzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online li ma tkunx intużat minn xi fornitur fir-rigward ta' servizzi pprovduti lill-utenti tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri ("utenti") fl-Unjoni qabel ...[id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], u fir-rigward tat-teknoloġija użata għall-iskop tal-identifikazzjoni ta' solleċitazzjoni possibbli tat-tfal, il-fornitur jirrapporta lura lill-awtorità kompetenti dwar il-miżuri meħuda biex juri l-konformità mal-parir bil-miktub maħruġ f'konformità mal-Artikolu 36(2) tar-Regolament (UE) 2016/679 mill-awtorità superviżorja kompetenti ddeżinjata skont il-Kapitolu VI, it-Taqsima 1, ta' dan ir-Regolament ("awtorità superviżorja") matul il-proċedura ta' konsultazzjoni minn qabel;
- (e) it-teknoloġiji użati jkunu affidabbli biżżejjed fis-sens li jillimitaw kemm jista' jkun ir-rata tal-iżbalji fir-rigward tal-identifikazzjoni ta' kontenut li jirrappreżenta l-abbuż sesswali tat-tfal online u, fejn iseħħu tali żbalji okkażjonali, il-konsegwenzi tagħhom jiġu rettifikati mingħajr dewmien;
- (f) it-teknoloġiji użati għall-identifikazzjoni tax-xejriet tas-solleċitazzjoni possibbli tat-tfal tkun limitata għall-użu tal-indikaturi ewlenin rilevanti u fatturi ta' riskju identifikati b'mod oġġettiv bħad-differenza fl-età u l-involvement probabbli ta' xi tifel jew tifla fil-komunikazzjoni skennjata, mingħajr preġudizzju għad-dritt għal rieżami uman;

(g) il-fornituri:

- (i) ikunu stabbilixxew proċeduri interni biex jipprevjenu l-abbuż tal-aċċess mhux awtorizzat għal, u t-trasferimenti mhux awtorizzati ta', data personali u data oħra;
- (ii) jiżguraw is-sorveljanza mill-bniedem tal-ipproċessar tad-data personali u data oħra u, fejn meħtieġ, l-intervent tal-bniedem f'tali pproċessar, bl-użu ta' teknoloġiji li jaqgħu taħt dan ir-Regolament;
- (iii) jiżguraw li materjal li ma jkunx ġie identifikat preċedentement bħala materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online jew ta' solleċitazzjoni tat-tfal, ma jiġix irrappurtat lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jew lill-organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal mingħajr il-konferma minn qabel mill-bniedem;
- (iv) ikunu stabbilixxew proċeduri xierqa u mekkaniżmi ta' rimedju biex jiżguraw li l-utenti jkunu jistgħu jressqu lmenti magħhom fi żmien raġonevoli bil-għan li jippreżentaw il-fehmiet tagħhom;

- (v) jinfurmaw lill-utenti b'mod ċar, prominenti u komprensibbli dwar il-fatt li invokaw, f'konformità ma' dan ir-Regolament, id-deroga legali mill-Artikolu 5(1) u l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2002/58/KE dwar il-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet tal-utenti unikament għall-iskopijiet stabbiliti fil-punt (a)(i) ta' dan il-paragrafu, il-loġika wara l-miżuri li ħadu taħt id-deroga u l-impatt fuq il-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet tal-utenti, inkluża l-possibbiltà li d-data personali tiġi kondiviża mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u mal-organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal;
- (vi) jinfurmaw lill-utenti dwar dan li ġej, fejn il-kontenut tagħhom ikun tneħħa jew il-kont tagħhom ikun ġie mblukkat jew servizz offrut lilhom ikun ġie sospiż:
- (1) il-perkorsi għal tfittix ta' rimedju mingħandhom;
 - (2) il-possibbiltà li jressqu lment quddiem awtorità superviżorja; u
 - (3) id-dritt għal rimedju ġudizzjarju;
- (vii) sa ... [sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u minn hemm 'il quddiem sal-31 ta' Jannar ta' kull sena, jippubblikaw u jissottomettu lill-awtorità superviżorja kompetenti u lill-Kummissjoni rapport tal-ipproċessar tad-data personali skont dan ir-Regolament, inkluż dwar:
- (1) it-tip u l-volumi tad-data pproċessata;

- (2) ir-raġuni speċifika invokata għall-ipproċessar skont ir-Regolament (UE) 2016/679;
- (3) ir-raġuni invokata għat-trasferimenti tad-data personali barra mill-Unjoni skont il-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2016/679, fejn ikun applikabbli;
- (4) l-għadd ta' każijiet identifikati ta' abbuż sesswali tat-tfal online, filwaqt li ssir distinzjoni bejn il-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online u s-solleċitazzjoni tat-tfal online;
- (5) l-għadd ta' każijiet li fihom utent ikun ressaq ilment lill-mekkaniżmu ta' rimedju intern jew lil xi awtorità ġudizzjarja u l-eżitu ta' dawk l-ilmenti;
- (6) in-numri u l-proporzjonijiet tal-iżbalji (pożittivi foloz) tat-teknoloġiji differenti użati;
- (7) il-miżuri applikati biex jiġu limitati r-rata ta' żball u r-rata ta' żball miksuba;
- (8) il-politika taż-żamma u s-salvagwardji tal-protezzjoni tad-data applikati skont ir-Regolament (UE) 2016/679;
- (9) l-ismijiet tal-organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal li magħhom tkun ġiet kondiviża d-data skont dan ir-Regolament;

- (h) fejn ikun ġie identifikat abbuż sesswali tat-tfal online suspettat, id-data dwar il-kontenut u d-data relatata dwar it-traffiku pproċessata għall-finijiet stabbiliti fil-punt (a)(i), u d-data personali ġġenerata permezz ta' tali pproċessar jinħażnu b'mod sigur, unikament għall-finijiet ta':
- (i) rapportar, mingħajr dewmien, tal-abbuż sesswali tat-tfal online suspettat lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi kompetenti u lill-awtoritajiet ġudizzjarji jew lill-organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal;
 - (ii) imblukkar tal-kont tal-utent ikkonċernat, jew sospensjoni jew terminazzjoni tal-forniment tas-servizz lill-utent ikkonċernat;
 - (iii) ħolqien ta' firma diġitali unika, mhux konvertibbli mill-ġdid ("hash") ta' data identifikata b'mod affidabbli bħala materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online;
 - (iv) għoti ta' possibiltà lill-utent ikkonċernat li jfittex rimedju mill-fornitur jew ifittex rieżami amministrattiv jew rimedji ġudizzjarji dwar kwistjonijiet relatati mal-abbuż sesswali tat-tfal online suspettat; jew
 - (v) għoti ta' tveġiba għal talbiet maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti tal-infurzar tal-liġi u ġudizzjarji f'konformità mal-liġi applikabbli biex jipprovdulhom id-data meħtieġa għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni, jew il-prosekuzzjoni tar-reati kriminali kif stipulat fid-Direttiva 2011/93/UE;

- (i) id-data ma tinħażinx għal aktar minn kemm ikun strettament meħtieġ għall-iskopijiet rilevanti stabbiliti fil-punt (h) u, fi kwalunkwe każ, għal mhux aktar minn 12-il xahar mid-data tal-identifikazzjoni tal-abbuż sesswali suspettat tat-tfal online;
- (j) kull każ ta' suspett raġunat u vverifikat ta' abbuż sesswali tat-tfal online jiġi rrapportat mingħajr dewmien lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-infurzar tal-liġi jew lill-organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal.

2. Sa ... [tmien xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-kundizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1, il-punt (c), ma għandhiex tapplika għall-fornituri li:

- (a) kienu qed jużaw teknoloġija speċifika qabel ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] għall-iskopijiet stabbiliti fil-paragrafu 1, il-punt (a)(i), mingħajr ma kienu kkompletaw proċedura ta' konsultazzjoni minn qabel fir-rigward ta' dik it-teknoloġija;
- (b) jibdew proċedura ta' konsultazzjoni minn qabel, qabel ... [xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]; u
- (c) jikkooperaw kif xieraq mal-awtorità superviżorja kompetenti b'rabta ma l-proċedura ta' konsultazzjoni minn qabel msemmija fil-punt (b).

3. Sa ... [tmien xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-kundizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1, il-punt (d), ma għandhiex tapplika għall-fornituri li:
- (a) kienu qed jużaw xi teknoloġija kif imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (d), qabel ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] mingħajr ma kienu kkompletaw proċedura ta' konsultazzjoni minn qabel fir-rigward ta' dik it-teknoloġija;
 - (b) jibdew proċedura kif imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (d), qabel ... [xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]; u
 - (c) jikkooperaw kif xieraq mal-awtorità superviżorja kompetenti b'rabta mal-proċedura msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (d).

Id-data inkluża fir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (g)(vii), għandha tiġi pprovduta bil-miktub permezz ta' formola standard. Sa ... [tliet xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-kontenut u l-preżentazzjoni ta' dik il-formola permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Meta tagħmel dan, il-Kummissjoni tista' taqسام il-kategoriji tad-data elenkati fil-paragrafu 1, il-punt (g)(vii), f'subkategoriji.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 10(2).

Artikolu 4

Linji gwida tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Sa ... [xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], u skont l-Artikolu 70 tar-Regolament (UE) 2016/679, il-Kummissjoni għandha titlob lill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data jippubblika linji gwida sabiex jassisti lill-awtoritajiet superviżorji fil-valutazzjoni ta' jekk l-ipproċessar li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, għal teknoloġiji eżistenti u ġodda użati għall-iskopijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(1), il-punt (a)(i), ta' dan ir-Regolament, jikkonformax mar-Regolament (UE) 2016/679.

Artikolu 5

Rimedji għudizzjarji effettivi

F'konformità mal-Artikolu 79 tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Artikolu 15(2) tad-Direttiva 2002/58/KE, l-utenti għandu jkollhom id-dritt għal rimedju għudizzjarju effettiv fejn huma jqisu li d-drittijiet tagħhom ikunu nkisru b'riżultat tal-ipproċessar tad-data personali u data oħra għall-iskopijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(1), il-punt (a)(i) ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 6

Awtoritajiet superviżorji

L-awtoritajiet superviżorji maħtura skont il-Kapitolu VI, Taqsima 1, tar-Regolament (UE) 2016/679 għandhom jimmonitorjaw l-ipproċessar li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament f'konformità mal-kompetenzi u s-setgħat tagħhom skont dak il-Kapitolu.

Artikolu 7

Lista pubblika tal-organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal

1. Sa ... [xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-fornituri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni lista tal-ismijiet ta' organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal li lilhom jirrappurtaw l-abbuż sesswali tat-tfal online taħt dan ir-Regolament. Il-fornituri għandhom jikkomunikaw kwalunkwe bidla f'dik il-lista lill-Kummissjoni fuq bażi regolari.
2. Sa ... [xahrejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tippubblika lista tal-ismijiet ta' organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal ikkomunikati lilha skont il-paragrafu 1. Il-Kummissjoni għandha żżomm dik il-lista pubblika aġġornata.

Artikolu 8

Statistika

1. Sa ... [sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], u fuq bażi annwali minn hemm 'il quddiem, l-Istati Membri għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku u jissottomettu lill-Kummissjoni rapporti bl-istatistika dwar dan li ġej:
 - (a) l-għadd totali ta' rapporti ta' abbuż sesswali tat-tfal online identifikat li ġew sottomessi mill-fornituri u l-organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-infurzar tal-liġi, li jaġhmlu distinzjoni, fejn tali informazzjoni tkun disponibbli, bejn l-għadd assolut ta' każijiet u dawk il-każijiet irrapportati diversi drabi u t-tip ta' fornitur li fuq is-servizz tiegħu ikun ġie identifikat l-abbuż sesswali tat-tfal online;
 - (b) l-għadd ta' tfal identifikati permezz ta' azzjonijiet previsti fl-Artikolu 3, iddifferenzjat mill-ġeneru;
 - (c) l-għadd ta' awturi ta' reat ikkundannati.
2. Il-Kummissjoni għandha tiġbor flimkien l-istatistika msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u għandha tqisha meta tkun qed tħejji r-rapport ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 9.

Artikolu 9

Rapport ta' implimentazzjoni

1. Abbażi tar-rapporti sottomessi skont l-Artikolu 3(1), il-punt (g)(vii), u l-istatistika pprovduta skont l-Artikolu 8, il-Kummissjoni għandha, sa ... [18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], tħejji rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u tissottomettih u tippreżentah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
2. Fir-rapport ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tqis, b'mod partikolari:
 - (a) il-kundizzjonijiet kollha għall-ipproċessar tad-data personali u ta' data oħra stabbilita fl-Artikolu 3(1), il-punt (a)(ii), u l-punti (b), (c) u (d);
 - (b) il-proporzjonalità tad-deroga prevista minn dan ir-Regolament, inkluża valutazzjoni tal-istatistika sottomessa mill-Istati Membri skont l-Artikolu 8;
 - (c) l-iżviluppi fil-progress teknoloġiku fir-rigward tal-attivitajiet koperti b'dan ir-Regolament, u l-punt sa fejn dawn l-iżviluppi jtejbu l-akkuratezza u jnaqqsu l-għadd u l-proporzjon tal-iżbalji (pożittivi foloz).

Artikolu 10
Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġġuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun Kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 11
Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fl-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika sat-3 ta' April 2028.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President
